

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Baġit*

PROVIŻORJU  
2006/2018(BUD)  
Par1

29.9.2006

## ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja  
2007  
(C6-0299 – 2006/2018(BUD))

u Ittri ta' emenda nru 0/0000 (00000/2006 – C6-0000/2006) u 0/0000  
(00000/2006 – C6-0000/2006) għall-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2007

Taqsimi III – Kummissjoni

Parti 1: Mozzjoni għall-risoluzzjoni

Kumitat għall-Baġit

Rapporteur: James Elles

**WERREJ**

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
NOTA SPJEGATTIVA.....	9

## PROPOSTA GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III – Kummissjoni (C6-0299 – 2006/2018(BUD))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 fuq is-sistema tar-riżorsi tal-Komunità Ewropea stess<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju rett<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehma Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju rett<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni fuq l-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS)<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra l-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li l-Kummissjoni ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2006 (SEC(2006)0531),
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li stabbilixxa l-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2006 (SEC(2006)0531),
- wara li kkunsidra l-Ittri ta' emenda Nri 0/0000 (00000/2006 - C6-0000/2006) u 0/0000 (00000/2006 - C6-0000/2006) għall-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits tal-11 ta' Lulju 2006 fuq il-mandat għall-proċedura ta' konċiljazzjoni ta' l-abbozz tal-baġit għall-2007 għall-ewwel qari tal-Kunsill,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A6-0000/2006),

<sup>1</sup> ĠU L 253, 7.10.2000, p.42.

<sup>2</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p.1

<sup>3</sup> OJ C 139, 14.6.2006, p.1.

<sup>4</sup> JU C 172, 18.6.1999, p.1. Ftehma kif kienet emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2005/708/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 269, 14.10.05, p.24).

<sup>5</sup> *Testi adottati* minn dik il-ġurnata, P6\_TA\_PROV(2006)0221.

## **Konsiderazzjonijiet ġenerali: stipular ta' prijoritajiet, valur għall-flus minfuqa, thejjiġa għar-reviżjoni 2008/2009**

1. Jiftakar mill-ġdid li l-prijoritajiet politiċi tiegħu għall-baġit ta' l-2007 kienu mfassla fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-APS tat-18 ta' Mejju 2006 imsemmija hawn fuq; jinnota li l-paragrafu 5 ta' dik ir-riżoluzzjoni ippreżenta t-tliet elementi prinċipali ta' l-istipular tal-prijoritajiet ta' politika, li jassiguraw valur kwalitattiv għall-flus minfuqa , u jħejji għar-reviżjoni 2008/2009 tal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF) għall-2007-2013;
2. Jinnota li din l-istrateġija bdiet titħaddem waqt it-thejjiġa ta' l-ewwel qari tal-Parlament dwar il-baġit ta' l-2007 bil-prijoritajiet ta' politika ddikjarati fil-paragrafu 6 tar-riżoluzzjoni dwar l-APS, u mtennija fil-paragrafu 5 tar-rapport ta' mandat għall-konċiljazzjoni ta' l-14 ta' Lulju mal-Kunsill; jinnota li dawn il-prijoritajiet kienu ċentrali għall-emendi tal-baġit min-naħa tal-Parlament dwar programmi ta' prijorità;
3. Jirrimarka li dan huwa l-ewwel baġit taħt il-Qafas Finanzjarju l-ġdid, skond Ftehim Interistituzzjonali ġdida u b'haġna programmi multiannwali ġodda; jirrimarka wkoll li Regolament Finanzjarju ġdid se jkun japplika għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-2007;
4. Jenfasizza li, permezz ta' seduti ta' smiġh dwar il-politiki li saru fil-Kumitat għall-Baġits, studji fuq il-benefiċċji tan-nefqa li qed jitwettqu dwar numru ta' kwistjonijiet ta' politika, u permezz ta' eżami approfondit tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mill-Kummissjoni, u minn rapporti mill-Qorti ta' l-Awdituri fuq il-kwalità ta' l-infiq ta' l-UE, f'konformità ma' l-approċċ li jqis il-benefiċċju tan-nefqa, stipulat fil-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni dwar l-APS, intlaħaq approċċ kwalitattiv li jqis il-valur għall-flus minfuqa jinnota li l-emendi tal-baġit tħejjew fuq il-bażi ta' l-informazzjoni akkwistata b'dan il-mod; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament kollha jipparteċipaw f'tendenza li tqis il-valur għall-flus minfuqa;
5. Iqis li l-livell insuffiċjenti ta' approprjazzjonijiet aggregati proposti mill-Kunsill fl-abbozz tal-baġit tiegħu, li huma bil-wisq inqas mil-livell meħtieġ sabiex l-UE tirispondi b'mod effettiv għall-isfidi tal-globalizzazzjoni, iservu biss biex aktar juru l-importanza tat-tielet faxxa ta' l-istrateġija tal-Parlament, li qed tħejji għar-reviżjoni ta' l-MFF, li għandu jġib infiq mill-UE li jkun iffokat aħjar fuq prijoritajiet ta' politika; jemmen li meta l-impenji jkunu kkonċentrati fuq programmi ta' prijorità, li taħthom il-fondi jintefqu tajjeb, l-infiq ta' l-UE se jservi aħjar l-interessi taċ-ċittadin;

### **Kwistjonijiet orizzontali:**

#### *Konċentrazzjoni fuq prijoritajiet*

6. F'konformità mal-prijoritajiet tal-Parlament, iqis li l-infiq ta' l-UE għandu jkun iffokat fuq oqsma ta' prijorità u f'livell oġhla milli hu propost fl-abbozz tal-baġit tal-Kunsill sabiex ikun assigurat li l-programmi ta' prijorità jitwasslu liċ-ċittadin b'mod effettiv; għalhekk jipproponi li l-pagamenti fil-baġit ta' l-2007 jiġu miżjuda għal livell ta' xxx% tad-dħul gross nazzjonali (GNI) ta' l-UE, billi jtkabbru l-appropriazzjonijiet fuq linji tal-baġit marbuta mal-prijoritajiet politiċi tal-Parlament; jinnota li l-parti l-kbira tal-kumitati parlamentari speċjalizzati pproponew li jkunu rrestitwiti l-ammonti ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari (PDB), f'konformità mal-proċeduri leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa jew mal-

proċeduri leġislattivi li jibdew fl-2007;

#### *Trattament ta' l-isfidi tal-globalizzazzjoni*

7. Jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha tindirizza b'mod attiv u tingaġġa ruħha b'mod aktar effettiv ma' l-isfidi ekonomiċi, politiċi u ta' żvilupp ippreżentati mill-proċess ta' globalizzazzjoni li għaddej kontinwament; għalhekk, jippreżenta emendi għall-baġit ta' l-2007 li jimmiraw li jqawwu l-kapaċità ta' l-ekonomija ta' l-UE sabiex tikkompeti fuq livell internazzjonali, fil-waqt li jkattru l-fondi disponibbli għall-mekkaniżmi li għandha l-Komunità biex tittratta l-isfidi tal-politika barranija, u jgħollu l-ammonti ta' l-assistenza għall-iżvilupp li huma disponibbli għal reġjuni bħall-Asja u l-Amerika Latina;

#### *Jitwassal valur għall-flus minfuqa*

8. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-valur għall-flus minfuqa fil-baġit ta' l-UE; jipproponi emendi sabiex x% ta' l-appropriazzjonijiet jitqiegħdu f'riżerva fuq numru (y) ta' linji tal-baġit sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tassigura lill-Parlament li dawn il-flus se jintefqu f'manjera li ggħib lill-Ewropew li jħallas it-taxxa valur għall-flus minfuqa;
9. Jiftakar mill-ġdid li dawn il-linji tal-baġit kienu magħżula fuq il-bażi ta' eżami approfondit li sar tar-rapporti speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri, ir-Rapporti ta' Sintesi dwar l-immaniġġjar tal-fondi mill-Kummissjoni, analiżi tal-benefiċċju tan-nefqa mwettqin fuq talba tal-Kumitat għall-Baġits u il-konsiderazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni;
10. Inaqas b'10% l-appropriazzjonijiet għall-immaniġġjar amministrattiv marbuta direttament ma' programmi fuq bażi orizzontali; jieħu nota tad-diversi tnaqqis f'appropriazzjonijiet proposti mill-Kunsill fl-ewwel qari tiegħu, marbuta mad-Dikjarazzjonijiet ta' Attività; ma jara l-ebda kontradizzjoni għal linji tal-baġit li fuqhom il-Parlament kemm iqiegħed ammonti f'riżerva minħabba tħassib dwar il-kwalità ta' l-implimentazzjoni kif ukoll iżid l-appropriazzjonijiet skond il-prijoritajiet politiċi; jafferma mill-ġdid, f'dan ir-rigward, li jixtieq jara valur kwalitattiv għall-flus minfuqa f'kull qasam ta' l-infiq ta' l-UE;

#### *Proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija*

11. Rigward proġetti pilota u azzjonijiet ta' tħejjija, jinnota l-limiti mgħollija li huma stipulati għal proġetti ġodda fil-Ftehma Interistituzzjonali (IIA) tas-17 ta' Mejju 2006; jipproponi proġetti ġodda mmirati għall-bini tal-kompetittività internazzjonali ta' l-UE, inkluż permezz ta' kapaċità ta' riċerka aktar integrata, it-titjib tar-rabtiet kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina u ma' l-Indja, u bil-ħolqien ta' networks ta' tagħrif fost dawk li jiffurmaw l-opinjoni fuq l-UE (*biex ikun hemm aġġornament wara li jidhru PPs u APs minn gruppi potitici u wara s-simulazzjoni II*)

#### *Aġenziji*

12. Rigward l-aġenziji l-ġodda (l-Aġenzija Ewropea għall-Kimika, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi, l-Aġenzija Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali), bil-għan li tkun żgurata l-applikazzjoni ta; Punt 47 tat-IIA (Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju

2006, jipproponi li jitħassru l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fl-abbozz tal-baġit b'mod partikulari għall-fatt li għadha ma teżisti l-ebda bażi legali għal dawn l-aġenziji; għall-aġenziji eżistenti jipproponi , bħala approċċ ġenerali b'numru żgħir ta' eċċezzjonijiet speċifiċi, li jkunu restitwiti appropriazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit (PDB) imma fil-waqt li jitqiegħdu f'riżerva żjidiet 'il fuq minn ammont ta' referenza, sabiex żjidiet eċċessivi jkunu llimitati;

## **Approċċ speċifiku għal kull intestatura**

### **L-intestatura 1a - kompetittività għat-tkabbir u għall-impjieg**

13. Jikkonferma l-konvinzjoni tiegħu, espressa fir-risoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-Politika Annwali (APS), li l-għarfien, il-ħiliet, ir-riċerka u l-iżvilupp, l-innovazzjoni , it-teknoloġiji tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, it-trasport u l-enerġija jiffurmaw il-bażi ta' ekonomija moderna b'saħħitha u huma essenzjali għall-ħolqien ta' l-impiegi; għalhekk, iddeċieda li ma jaċċettax l-approċċ tal-Kunsill li jsir diversi tnaqqis f'numru ta' linji tal-baġit kruċjali li jimmiraw li jtejbu l-kompetittività ta' l-ekonomija ta' l-UE; iddeċieda li jżid l-appropriazzjonijiet ta' ħlas għal programmi ta' prijorità marbuta ma' l-Aġenda ta' Liżbona bħal m'huma l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni u s-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka;
14. Huwa konvint li t-togħlija tal-kompetittività ta' l-UE hija element essenzjali tar-reazzjoni ta' l-UE għall-isfidi tal-globalizzazzjoni; għalhekk iqis li ż-żjidiet fl-appropriazzjonijiet fl-intestatura 1a huma sinjal ċar tad-direzzjoni futura li għandu jieħu l-infiq ta' l-UE ;

### **Intestatura 1b - Koeżjoni għat-tkabbir u għall-impjieg**

15. Jesprimi d-dispaċir tiegħu li l-appropriazzjonijiet għall-fondi strutturali u ta' koeżjoni huma konsiderevolment aktar baxxi għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ta' l-2007-2013 milli kien mistenni, l-aktar bħala riżultat tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005; iqis, għalhekk, li, bħala minimu, l-appropriazzjonijiet fl-abbozz preliminari tal-baġit għandhom ikunu restitwiti; jagħfas fuq l-importanza li, issa li t-IIA l-ġdida ġiet miftiehma, ikunu stabbiliti u approvati programmi nazzjonali.
16. Jisħaq fuq l-importanza tal-koeżjoni bħala waħda mill-prijoritajiet ta' politika ta' l-UE; għalhekk jiddeċiedi li jgħolli l-appropriazzjonijiet tal-ħlas għal linji tal-baġit essenzjali marbuta mal-koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta t-testi meħtieġa u tibda l-proċeduri kemm jista' jkun malajr biex tkun tista' ssir l-allokazzjoni tar-riżorsi għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (IFI) matul l-eżerċizzju baġitarju ta' l-2007; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex iċċara l-bażi legali għall-Programm ta' Paċi;

### **Intestatura 2 - Preservazzjoni u mmaniġġjar tar-riżorsi naturali**

17. Jinnota li l-2007 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni sħiħa tar-riforma l-aktar riċenti tal-Politika Agrikola Komuni (CAP); Jiddeplora l-qtugħ drastiku ġenerali ta' EUR 525 miljun fl-ispiża tas-suq, ibbażat fuq kriterji ta' kontabilità u mingħajr m'huma jitqiesu l-prijoritajiet tal-Parlament; Jitlob, għalhekk, li l-figuri ta' l-Abbozz ta' Baġit

Preliminari (PDB) ikunu stabbiliti mill-ġdid bħala minimu assolut;

18. Jiddeplora l-fatt li minkejja l-ħtiġijiet l-aktar importanti għar-ristrutturar, l-immodernizzar u d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali ta' l-Ewropa, ir-riżorsi allokatati lill-iżvilupp rurali mistennija jonqsu f' termini veri; Iqis li t-trasferiment ta' fondi minn appoġġ agrikolu dirett ("l-ewwel pilastru" tal-CAP) għal żvilupp rurali m'huwiex il-mezz adattat għall-iffinanzjar ta' l-iżvilupp rurali;
19. A propositu ta' dan, jesprimi riserazzjonijiet qawwija fuq il-proposta kurrenti tal-Kummissjoni rigward il-modulazzjoni volontarja ta' sa 20% ta' l-appoġġ agrikolu dirett għall-iżvilupp rurali; Jipproponi emendi baġitarji li għandhom il-għan li jiċċaraw l-approċċ intenzjonat u li jiżguraw li l-ħlasijiet ta' modulazzjoni volontarja jissodisfaw ir-rekwiżiti xierqa għal spiża li m'hix obligatorja;

### **Intestatura 3a - Libertà, Sigurtà u Ġustizzja**

20. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li s-sigurtà interna, b'mod partikulari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, hija waħda mill-prijoritajiet essenzjali ta' l-Unjoni; għalhekk jirriżolvi li jżid ir-riżorsi allokatati lill-Eurojust, l-uniku korp għall-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-liġi kriminali, li l-effikaċja tiegħu, li qiegħda tikber, għandha tkun imsaħħa iżjed u iżjed;
21. Iqis li l-immaniġġjar integrat tal-konfini esterni ta' l-Unjoni huwa wieħed mill-oġettivi li bħalissa jeħtieġu appoġġ urġenti u akbar; għalhekk, jagħti l-appoġġ tiegħu għaż-żjeda fir-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Fond għall-Konfini Esterni; iżid ir-riżorsi imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' l-Aġenzija FRONTEX; itenni mill-ġdid it-talba ripetuta tiegħu li l-Europol jitqiegħed fuq bażi Komunitarja kemm sabiex tiżdied l-effikaċja tiegħu u kemm biex tiżdied is-superviżjoni demokratika u ġudizzjarja li tagħha għandu jkun suġġett;

### **Intestatura 3b - Ċittadinanza**

22. Jiftakar mill-ġdid l-importanza tal-politiki ta' l-UE fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġħ, kif ukoll politika effettiva ta' komunikazzjonijiet sabiex l-UE tinġieb eqreb lejn iċ-ċittadin; iqis li jista' jsir użu aħjar minn midja ġodda tal-komunikazzjonijiet biex jinġiebu flimkien Ewropej li jfasslu l-politika biex jaqsmu l-ideat bejniethom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiċċara l-implikazzjonijiet tal-Pjan D dwar id-Dibattitu u d-Djalogu Demokratiku u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu skond dan l-istess pjan;

### **Intestatura 4 - L-UE bħala sieħba globali**

23. huwa ta' fehma qawwija li l-UE tista' u għandha tkun qed tagħmel iżjed biex tingaġġa ruħha mal-proċess tal-globalizzazzjoni b'manjiera ta' kunfidenza fiha nfisha; jipproponi li r-restituzzjoni tal-figuri ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari fuq numru ta' linji u miżjuda għal ammonti lil hinn mill-ABP f'xi oqsma bil-ħsieb li jissaħħu l-attivitajiet ta' l-UE permezz ta' programmi Komunitarji fl-oqsma tal-politika barranija, l-ġhajnuna għall-iżvilupp u umanitarja, u l-iskambji kummerċjali u xjentifiċi ma' pajjiżi ta' importanza kbira li qed jitfaċċaw bħal m'huma ċ-Ċina u l-Indja;

24. Jinnota li l-qafas legali l-ġdid għall-azzjonijiet esterni ta' l-UE jimplika wkoll struttura ġdida għall-baġit; b'mod ġenerali jilqa' b'sodisfazzjon is-simplifikazzjoni ta' l-istrumenti u n-nomenklatura l-ġdida tal-baġit proposta magħha; ma jistax jaċċetta, però, li numru mill-bidliet proposti jnaqqsu t-trasparenza għal xi settur u/jew reġjun u se jdaħħal il-modifikazzjonijiet meħtieġa;
25. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-espansjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-politika komuni barranija u tas-sigurtà (CFSP) ma ġietx akkumpanjata minn żjeda fir-responsabilità demokratika u l-iskrutinju parlamentari; jipproponi emendi baġitarji li jfittxu li jrawmu livell oġhla ta' trasparenza f'dan ir-rigward;
26. Hu kkonċernat minħabba l-ispejjeż amministrattivi totali għall-programmi ta' għajjuna u koperazzjoni esterni li oġhlew f'daqqa matul iż-żmien tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006; għalhekk, se tpoġġi xx% ta' din l-ispiża f'riżerva sakemm issir investigazzjoni sħiħa;

### **Intestatura 5 - amministrazzjoni**

27. Ma jappoġġax l-approċċ tal-Kunsill fl-abbozzi ta' dikjarazzjonijiet annessi ma' l-abbozz ta' baġit fuq rizersi amministrattivi li kien favur it-tneħħija ta' 200 post tax-xogħol fl-istituzzjonijiet ta' l-UE, b'mod prinċipali l-Kummissjoni, fl-2008 u 500 post tax-xogħol ieħor bejn l-2008 u l-2010;
28. Jiddeċiedi li jibqa' jżomm kif inhuma l-ammonti ta' l-Abbozz ta' Baġit Preliminari għall-ispiża amministrattiva; itenni t-talba tiegħu li l-Kummissjoni tressaq dokument dettaljat ta' ppjanar għal tul ta' żmien medju rigward il-ħtiġijiet ta' rizersi umani tagħha għas-snin li ġejjin; Jenfasizza li dokument bħal dan għandu jibni fuq l-informazzjoni fornuta fid-dokument tiegħu ta' xx ta' Settembru 2006 u jipprovdi dettalji ta' kull tip ta' persuna impjegata mal-Kummissjoni, inklużi uffiċjali, esperti nazzjonali, aġenti temporanji u kategoriji oħra ta' persunal.
29. Hu tal-fehma li l-Uffiċċju tal-Komunitajiet Ewropej għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) għandu jdaħħal bidliet radikali fil-metodi ta' l-operat tiegħu sabiex b'aktar ħeffa joffri lill-Istituzzjonijiet numru akbar ta' kandidati li huma aktar adattati għall-ħtiġijiet ta' l-Istituzzjonijiet;

\*\*\*\*

30. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, akkumpanjata mill-emendi u l-modifiki proposti għat-Taqsima III ta' l-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-istituzzjonijiet u korpi oħra kkonċernati.- {}-



## NOTA SPJEGATTIVA